





**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 214/2004**

**tas-6 ta' Frar 2004**

**li jistabbilixxi l-istandard għat-tqegħid fis-suq taċ-ċirasa**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix ta' l-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Iċ-ċirasa hija fost il-prodotti mniżżlin f'L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għalihom iridu jiġu adottati l-istandards. Fl-interess tal-kjarezza, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 899/87 tat-30 Marzu 1987 li jistabbilixxi l-istandards tal-kwalità' għaċ-ċirasa <sup>(2)</sup>, li ġie emendat diversi drabi, għandu jiġi mħassar u mibdul b'regolament ġdid. Għal dak il-għan, u fl-interess li tkun ippriservata t-trasparenza fis-suq dinji, għandu jiġi kkunsidrat l-istandard FFV-13 tal-Kummissjoni Ekonomika tal-Ġnus Magħquda għall-Ewropa (UN/ECE) li jikkonċerna l-kontroll fuq it-tqegħid fis-suq u l-kwalità' taċ-ċirasa rrakkomandat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti li jitħassru malajr u ta' l-Iżvilupp tal-Kwalità' tal-Kummissjoni Ekonomika tal-Ġnus Magħquda għall-Ewropa (UN/ECE).
- (2) L-applikazzjoni ta' dawn l-istandards ġodda għandha twassal biex jirwarbu minn fuq is-suq prodotti ta' kwalità' mhux sodisfaċenti, iġġib il-produzzjoni tikkonformi mal-ħtiġijiet tal-konsumatur u tiffaċilita l-kummerċ ibbażat fuq kompetizzjoni ġusta, u b'hekk tgħin biex jitjieb il-qligħ.
- (3) L-istandards huma applikabbli fl-istadji kollha tat-tqegħid fis-suq. Trasport fit-tul, il-ħażna għal ċertu perjodu u d-diversi proçessi li l-prodotti jgħaddu minnhom jistgħu jikkawżaw ċertu ammont ta' deterjorament minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodotti u n-natura tagħhom li jitħassru malajr. Dan id-deterjorament għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi applikat l-istandard fl-istadju tat-tqegħid fis-suq wara d-dispaċċ.
- (4) Billi l-prodotti tal-klassi "Extra" jridu jiġu magħżulin u ppakkjati b'attenzjoni partikolari, fil-każ tagħhom għandhom jiġu kkunsidrati biss in-nuqqasijiet li jikkonċernaw kemm il-prodott ikun frisk u l-istat ta' nefħa tiegħu.
- (5) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Frott u l-ħaxix ta' l-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-istandard tat-tqegħid fis-suq taċ-ċirasa li taqa' taħt il-kodič i ČN 0809 20 għandu jkun kif stipulat fl-Anness.

L-istandards għandhom jgħoddu fl-istadji kollha tat-tqegħid fis-suq taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Madankollu, fi stadji wara d-dispaċċ, il-prodotti jistgħu juru, b'relaz-zjoni għall-ħtiġijiet ta' l-istandard, nuqqas żgħir ta' freskezza u stat ta'

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 64).

<sup>(2)</sup> ĠU L 200, 21.07.87, p. 18. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, 11.01.03, p. 61).

**▼B**

nefħa; Prodotti kklassifikati mhux taħt il-klassi “Extra” jistgħu juru wkoll deterjorament kawżat mill-Iżvilupp tagħhom u t-tendenza tagħhom li jitħassru.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KEE) Nru 899/87 jiġi mħassar

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



L-ANNESS

STANDARD ĠHAĊ-ĊIRASA

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-istandard jgħodd għaċ-ċirasa, ta' varjetajiet mnisla bil-kultivazzjoni tal-*Prunus avium* L., *Prunus cerasus* L., jew ibridi tagħhom, li jiġu fornuti friski lill-konsumatur, ċirasa biex tkun ipproċessata għall-industrija hija eskluża.

II. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-KWALITÀ'

L-għan ta' dan l-istandard huwa li jkunu definiti il-ħtiġijiet tal-kwalità', wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

**A. Ħtiġijiet minimi**

Fil-klassijiet kollha, soġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali għall-kull klassi u t-tolleranzi konċessi, iċ-ċirasa trid tkun:

- bla mittiefsa,
- friska fid-dehra,
- b'saħħitha; il-prodott affettwat mit-tinwir jew mid-deterjorazzjoni hekk li jagħmlu mhux tajjeb għall-konsum jiġi mwarrab,
- ditta (skond il-varjeta'),
- nadif, prattikament ħieles għal kollox minn kull materjal barrani li jidher,
- prattikament ħieles mid-dud u l-insetti qerrieda,
- prattikament ħieles mill-ħsara kawżata mid-dud u l-insetti qerrieda,
- ħieles minn umdita fuq barra mhux tas-soltu,
- ħieles minn kull riħa u/jew togħma barranija,
- biz-zokk ewlieni magħha <sup>(1)</sup>.

Iċ-ċirasa trid tinqatgħa b'attenzjoni.

Irid ikun żviluppat biżżejjed u juri sajran sodisfaċenti. L-Iżvilupp u l-kondizzjoni jridu jkunu li jippermettulha:

- tiflaħ għat-trasport u t-tqandil u
- tasal f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

**B. Klassifika**

Iċ-ċirasa hija kklassifikata fi tliet klassijiet, kif jidher hawn taħt:

(i) *Klassi "Extra"*

Iċ-ċirasa f'din il-klassi trid tkun ta' kwalità' suprejuri. Trid tkun żviluppata tajjeb u jkollha l-karatteristiċi kollha u l-kulur tipiku tal-varjeta'

Trid tkun ħielsa mid-difetti ħlief għal difetti fil-qoxra li jkunu żgħar ħafna u superfiċjali, bil-kondizzjoni li dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità', iż-żamma tal-kwalità' u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

(ii) *Għall-Klassi I*

Iċ-ċirasa f'din il-klassi trid tkun ta' kwalità' tajba. Trid tkun karatteristika tal-varjeta'

<sup>(1)</sup> Nuqqas ta' zkuk ewlenin huwa permess bil-kondizzjoni li l-qoxra ma tkunx imħassra u ma jkunx hemm telf serju tal-meraġ fil-każ ta' ċirasa qarsa u ċirasa tat-tip "Picota" jew tipi ekwivalenti, li normalment iwaqqgħu iż-zokk fiż-żmien tal-ħsad.

**▼B**

Id-difetti ħfief li ġejjin jistgħu, madankollu, jithallem basta iżda illi dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

- difett żgħir fil-forma tagħom,
- difett żgħir fil-kulur.

Ma jridx ikun fihom ħarqiet, xquq, brix jew difetti kawżati mis-silġ.

**(iii) Għall-Klassi II**

Din il-klassi tinkludi ċirasa li ma tikkwalifikax biex tkun inkluża mal-klassijiet aktar għola, imma li tissodisfa l-ħtiġijiet minimi indikati hawn fuq.

Id-difetti li ġejjin jistgħu jithallem bil-kondizzjoni li ċ-ċirasa żżomm il-karatteristiċi essenzjali tagħha fir-rigward tal-kwalità', iż-żamma tal-kwalità' u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

- difetti fil-forma u l-kulur, bil-kondizzjoni li jżommu l-karatteristiċi tal-varjeta',
- ċikatriċi fuq il-wiċċ li jkunu żgħar u mfejqa, u li mhux probabbli li jgħarrqu l-apparenza jew iż-żamma tal-kwalità' tal-frott.

**III. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-GĦOTI TAD-DAQS**

Id-daqs jiġi stabbilit skond id-dijametru massimu tat-taqsima ekwatorjali. Iċ-ċirasa għandu jkollha l-qisien minimi li ġejjin:

- Klassi "Extra": 20 mm,
- Klassi I u II: 17 mm.

**IV. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IT-TOLLERANZI**

Jistgħu jiġu permessi tolleranzi rigward il-kwalità f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax il-ħtiġijiet tal-klassi indikata,

**A. Tolleranzi għall-kwalità****(i) Klassi "Extra"**

5 % tan-numru jew piż taċ-ċirasa li ma tissodisfax il-ħtiġijiet tal-klassi immi li tissodisfa dawk ta' Klass I, jew b'mod eċċezzjonali, li tinżamm fit-tolleranzi ta' dik il-klassi, bl-eċċezzjoni ta' frott misjur iżżejjed.

**(ii) Għall-Klassi I**

10 % tan-numru jew piż taċ-ċirasa li ma tissodisfax il-ħtiġijiet tal-klassi imma li tissodisfa dawk ta' Klass II, jew b'mod eċċezzjonali, li tinżamm fit-tolleranzi ta' dik il-klassi, F'din it-tolleranza, mhux aktar minn 4 % għandu jikkonsisti fi frott maqsum u/jew li jkun għamel għalih id-dud.

Barra dan, 10 % taċ-ċirasa mingħajr iż-zokk ewlieni huma permessi bil-kondizzjoni li l-qoxra m'hijiex imħassra u li m'hemmx telf serju tal-meraq

**(iii) Għall-Klassi II**

10 % tan-numru jew piż taċ-ċirasa li ma tissodisfax la l-ħtiġijiet tal-klassi u lanqas il-ħtiġijiet minimi, bl-eċċezzjoni ta' prodott affettwat mit-taħsir jew xi deterjorament ieħor li jagħmilha mhux tajba għall-ikel. F'din id-tolleranza, mhux aktar minn 4 % b'kollox għandu jikkonsisti minn frott li jkun misjur iżżejjed u/jew maqsum u/jew li jkun għamel għalih id-dud. Mhux aktar minn 2 % b'kollox għandu jikkonsisti minn frott li jkun misjur iżżejjed.

Barra dan, 20 % taċ-ċirasa mingħajr iż-zokk ewlieni huma permessi bil-kondizzjoni li l-qoxra ma tkunx mħassra u ma jkunx hemm telf serju tal-meraq.

**▼B****B. Tolleranzi għad-daqs**

Għall-klassijiet kollha: 10 % tan-numru jew piż taċ-ċirasa li ma tkunx konformi mad-daqs minimu speċifikat, bil kondizzjoni, madankollu, li d-dijametru ma jkunx inqas minn:

- 17 mm fil-Klass “Extra”
- 15 mm fil-Klassijiet I u II.

## V. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-PREŻENTAZZJONI

**A. L-uniformita’**

Il-kontenut ta’ kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fih biss ċirasa ta’ l-istess oriġini, varjeta’ u kwalità’. Il-frott għandu jkun ta’ daqs uniformi.

Barra dan, iċ-ċirasa tal-Klassi “Extra” għandha tkun ta’ kulur u sajran uniformi.

Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkett trid tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

Minkejja d-dispożizzjonijiet preċedenti f’dan il-punt, prodotti koperti b’dan ir-Regolament jitħalltu, f’pakketti tal-bejgħ ta’ piż nett ta’ tliet kilogrammi jew inqas, ma’ tipi differenti ta’ frott frisk u ħxejjex taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 48/2003 <sup>(1)</sup>.

**B. L-ippakkjar**

Iċ-ċirasa għandha tkun ippakkjata b’mod li l-prodott ikun protett kif inhu xieraq.

Il-materjali wżati għewwa l-pakkett iridu jkunu ġodda, nodfa u ta’ kwalità’ hekk li jevitaw milli jikkawżaw kull ħsara fuq barra u fuq għewwa tal-prodott. -L-użu ta’ materjal u b’mod partikolari karta jew timbri li jkollhom fuqhom dettalji kummerċjali huwa permissibbli bil-kondizzjoni li l-istampar u l-ittikkettjar ikun sar bl-użu ta’ linka jew kolla li m’humix tossiċi.

Il-pakketti jridu jkunu ħielsa minn kull materja barranija.

**▼M1**

Tikketti li jitwahnlu individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu hekk li meta jitneħħew ma jħallux warajhom traċċi ta’ kolla li jidhru u li dawn ma jwasslux għal difetti fil-ġilda.

**▼B**

## VI. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW L-ITTIKETTJAR

Kull-pakkett irid iġorr il-partikolaritajiet li ġejjin, f’ittri miġjuba fi gruppi fuq l-istess naħa, markati legibbilment u li ma jitħassrux, u li jidhru minn fuq barra:

**A. L-identifikazzjoni**

Min jippakkja u jew min jiddispaċċja: isem u indirizz jew marka tal-kodiċi maħruġa jew aċċettata uffiċjalment. Madankollu, f’każ fejn tintuża marka tal-kodiċi, ir-referenza “min jippakkja u jew min jiddispaċċja” (jew taqsiriet ekwivalenti) trid tiġi indikata b’konnessjoni mill-qrib mal-marka tal-kodiċi.

**B. In-natura tal-prodott**

- “Ċirasa”, fejn il-kontenut ma jkunx jidher minn barra,
- “Ċirasa qarsa”, meta approprijat,
- “Picota” jew l-isem tat-tip meta approprijat,

<sup>(1)</sup> ĠU L 7, 11.01.03, p. 65.

**▼B**

— l-isem tal-varjeta (fuq għażla).

**C. L-orġini tal-prodott**

Il-pajjiż ta' l-orġini u, bil-għażla, d-distrett fejn imkabbar jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew lokali tal-post.

**D. L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

Il-Klassi.

**E. Il-marka uffiċjali tal-kontroll (b'għażla)**